MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2011

Numru. 605/2010

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT VELLA**

**KONTRA**

**ALAN SALIBA ta' 27 sena, iben il-mejjet Anthony Saliba u Rita nee' Spiteri, imwieled Tal-Pieta' nhar l-10.04.1984, residenti fil-fond Block 6, Flat 4, Garden Drive, Santa Lucija, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 206584M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmi **ALAN SALIBA** li gie akkuzat talli:

Nhar il-11 ta' Gunju, 2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gzejjer, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew

li jipprokura d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regoli 1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu, u naqas illi jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu d-droga eroijna specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta'

awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-ahhar xhur f'dawn il-Gzejjer, kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija, u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-Licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-Regolamenti msemmija, u dan bi ksur tar-Regoli 1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292.1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-…..

Rat li rrisponda li mhux hati ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, u dan fl-istadju ta' l-interrogatorju.

Rat pero li wara li harget il-Kontro Ordni ammetta l-akkuzi.

In vista' ta' hekk, din il-Qorti, qieghda ssib htija wara li rat l-Artikoli fir-4 u s-6 Taqsima tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, GN 292.1939;

Rat ukoll l-Artikolu 22(2)(b)(i) ukoll tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u tikkundannah ghal piena karcerarja effettiva ta’ sentejn u nofs u ghal multa ta’ €2,000;
Rat l-Artikolu 53 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u qieghda tikkundannah ghall-ispejjez peritali ta’ €2,269.42

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------